**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 5 – IT-TLIETA, 11 TA' NOVEMBRU 2014 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairman |
| | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairman |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | | |
| | Simon Ellul Sullivan | Membru |

**1 Approvazzjoni tal-Minuti numru 4**

1.2 Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Dr Frank Bartolo ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Komunikazzjoni miċ-*Chairman***

2.1 Ġiet innutata laqgħa li saret aktar kmieni mal-kuntrattur tal-knis tal-Kappara. F'din il-laqgħa ġew komunikati xi ilmenti jew nuqqasijiet li kien hemm.

2.2 Ġew innutati kwotazzjonijiet għal noticeboard. Ġie deċiż li tintgħażel l-irħas offerta u tintalab sketch ta' dawn in-noticeboards.

2.3 Ġie deċiż li jiġu stampati l-ittri li ser jinbagħtu lir-residenti tal-Kappara rigward il-ġbir ta' skart.

2.4 Ġiet innutata laqgħa li saret mas-Segretarju Parlamentari l-Onor Stefan Buontempo. F'din il-laqgħa ġew diskussi numru ta' issues li tqajjmu mill-membri tal-Kumitat.

2.5 Kien hemm diskussjoni rigward numru ta' qtates stray li jinsabu fil-Kappara. Is-Sur Stefan Bonello Ghio ippropona li l-Kumitat jiffinanzja neutering ta' dawn il-qtates biex ma jkomplux jiżdiedu. Dr Frank Bartolo ssekonda. Kien hemm 2 favur u 2 kontra. Is-Sur Bonello Ghio ivvota l-casting vote favur.

**3 Affarjiet oħra**

3.1 Ġie deċiż li tinbidel it-tabella cul de sac fi Triq il-Ġojjin.

3.2 Ġiet innutata l-ittra li intbagħtet lill-Ambassatur tar-Russja.

3.3 Ġie innutat li l-mutur li kien abandunat fi Triq il-Gallina ġie mneħħi.

3.4 Ġie deċiż li ssir applikazzjoni għall-bozza ġdida fi Triq il-Ħida.

3.5 Għandha tintbagħat reminder lill-Enemalta għall-bozoz maqtugħin.

3.6 Għandha ssir reminder lil TM rigward timed parking fit-Toroq Antonio Schembri, Russett u Wied Għollieqa, kif ukoll fuq it-talba għal One Way f'parti minn Triq Antonio Schembri u rigward Triq il-Malvizz.

3.7 Għandha tinbagħat ittra lill-MEPA u lis-Sanità rigward plot mimlija żibel fi Triq it-Tellerit.

3.8 Ġie deċiż li jsiru refreshing tal-markings fi Triq il-Gallina u Triq ir-Russett.

3.9 Ġie deċiż li titwaħħal tabella STOP fi Triq Birkirkara kantuniera ma' Triq in-Naxxar.

3.10 Gie innutat li ghandha tohrog tender ghal-bankini.

3.11 Ghandha tinhareg ittra fil-Gazzetta rigward il-bozzoz maqtughin li huma responsabbli minnhom l-Enemalta.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 9 ta' Diċembru 2014 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Stefan Bonello Ghio** |